Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Roderick Attard]

vs

Mohammed Ahmed Mohammed

-Omissis-

-Omissis-

Abusali Mohammed Ahmed

Mohammed Abdalla Abdalla

-Omissis-

Obada Mohammed Ibrahim

-Omissis-

**Kumpilazzjoni Numru: 743/2019**

**Illum, 26 ta' April, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Mohammed Ahmed Mohammed** detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-059

**-Omissis-**

**-Omissis-**

**Abusali Mohammed Ahmed** detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-012

**Mohammed Abdalla Abdalla** detentur tan-numru tal-pulizija 19BB-040

**-Omissis-**

**Obada Mohammed Ibrahim** detentur tan-numru tal-pulizija 19BB-

062

**-Omissis-**

U akkuzati talli nhar il 12 ta' Dicembru 2019 bejn il-hdax ta filghodu (11:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat

minn servizz pubbliku jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kien qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirhom, jew billi gabu fix-xejn jew hasru dak li haddiehor kun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqgha' taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

5. Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ngurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq persuni ta' ufficjali inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

**Lil -Omissis-**

6. -Omissis-

Lil; **-Omissis-**

**-Omissis-**

**-Omissis-**

Akkuzati talli -Omissis-

7. -Omissis-

Lil: **Mohammed Ahmed Mohammed** detentur tan-numru tal-pulizija19CC-059

**Abusali Mohammed Ahmed** detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-012

**Mohammed Abdallah Abdallah** detentur tan-numru tal-pulizija 19BB-040

**-Omissis-**

**Obada Mohammed Ibrahim** detentur tan-numru tal-pulizija 19BB-062

Akkuzati aktar talli nhar it-12 ta' Dicembru 2019 gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs):

8. Irrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar lit-tinda li kienet takkomoda lil immigranti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi w dan bi ksur tal-artikolu 42 *(d)* tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat l-ezami tal-imputati fil-prezentata fejn huma kollha wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-fedina tal-imputati li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel (1) ta' Dicembru 2020 fejn biha gew elenkati l-Artikoli tal-ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':-

<u>Fil-konfront ta' Mohammed Ahmed Mohammed</u>

Fl-artikoli 325(1)(a), 68(2)(3), 338(ee), 338(dd) u 95 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 42(d), 43, 317(a)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Fil-konfront ta' Abdusali Mohammed Ahmed</u>

Fl-artikoli 325(1)(a), 68(2)(3), 338(ee), 338(dd) u 95 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 42(d), 43, 317(a)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Fil-konfront ta' Mohammed Abdallah Abdallah</u>

Fl-artikoli 325(1)(a), 68(2)(3), 338(ee), 338(dd) u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Fil-konfront ta' Obada Mohammed Ibrahim</u>

Fl-artikoli 325(1)(a), 68(2)(3), 338(ee), 338(dd), u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 42(d), 43, 317(a)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li gew moqrija l-Artikoli lill-imputati prezenti, huma ma kellhom l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' dawn il-proceduri b'mod sommarju.

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet ix-xhieda ta' **PC45 Alan Hayman** fejn dan jghid illi fit-tnax (12) ta' Dicembru 2019 ghal xi nofsinhar u ghaxra dahlet telefonata l-ghassa taz-Zurrieq li kien tiela' hafna duhhan minn gewwa Safi Barracks. Malli hu u l-kollegi marru fuq il-post gew iddireguti li jmorru fi Blokk B fejn dawn innutaw li kien hemm hafna duhhan iswed tiela' kif ukoll ufficjali tad-Detenzjoni bit-tarek. Dak il-hin kienu waslu wkoll membri tal-Protezzjoni Civili fuq il-post biex jitfu n-nar. Ix-xhud jghid illi huma gew mizmuma mir-residenti ta' dan il-post ta' detenzjoni billi bdew igarawlhom hadid u jaghmlu storbju u jhabbtu mar-rixtellu. Bdew jghidulhom biex jieqfu izda dawn ma obdewx. Malli dan ix-xhud kien ser imur post

iehor xi hadd garalu xi haga u gie milqut f'saqajh ix-xellugija (Dok. AH1). Huwa jghid illi ma jafx min laqtu. Pero' huwa jghid illi erba' minnhom zgur li jarafhom dawk il-persuni li bdew igaraw l-oggetti. Dawn kienu fil-fatt uhud mill-imputati li kienu ammettew dawn l-akkuzi u li diga' gew issentenzjati. Huwa jghid ukoll illi dawn ir-residenti kienu wkoll qabdu tinda li kienet tghatti l-bitha li skont informazzjoni li gab kienet tiswa' madwar sittin elf ewro (€60,000). Dawn il-fatti gew ikkonfermati wkoll minn **PC151 Lars Scicluna**.

Xehed ukoll **Alfred Attard** li huwa mpjegat fid-Detention Centre ta' Hal Safi u fejn spjega li dakinhar tal-incident inqalghet rewwixta u meta telghu fuq il-bejt setghu jaraw numru ta' residenti jgaraw il-hadid u gebel u bicciet tal-madum li qalghu minn kamra. X'hin nizlu isfel bdew jaraw xi whud minnhom li bdew jghajjtu "fire" u fil-pront raw dahna tiela' minn gol-bitha. Huwa gharaf lil xi nies li kienu l-"leaders" kif sejjhilhom hu li dawn kienu dawk l-imputati li gew issentenzjati diga'.

Xehed ukoll **Sven Warn** li wkoll jahdem Hal Safi li kkonferma dak li kien qal il-kollega tieghu. Dan ix-xhud ikkonferma li kien ra dawk il-persuni li kien gharaf il-kollega tieghu qablu u li dawn gew diga'

ssentenzjati. Izda jghid ukoll illi l-akkuzati kollha rahom b'ghajnejn iwaddbu l-hadid u l-madum. B'mod partikolari huwa gharaf lill-imputati **Mohammed Ibrahim Obada (BB62)**, **Mohammed Ahmed Mohammed (CC59)**, u **Abdalla Abdalla Mohammed (BB40)** li fil-fatt kienu qed igaraw l-oggetti.

Xehed ukoll l-Ispettur Roderick Attard fejn esebixxa numru ta' dokumenti fosthom l-istqarrijiet tal-imputati (Dok. RA1 et seq), faxxikolu li jikkontjeni d-danni subiti (Dok. RA9).

Semghet ufficjal tal-Forensika PS122 Arthur Borg fejn esebixxa faxxikolu kontenenti numru ta' ritratti tal-post tal-incident (Dok. AB1).

Xehed ukoll Joseph Muscat li kien l-*Operations Manager* fic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal Safi. Huwa jghid illi dakinhar tal-incident filghodu beda jisma' xi storbju minn xi detenuti li kienu fi Blokk B fejn kien hemm it-tinda. Jghid li sa dak il-hin il-protesta kienet wahda kalma. Huwa jghid illi wara xi hin is-sitwazzjoni bdiet teskala u dawn ir-residenti bdew iqacctu xi hadid u jitfghuh lejn l-ufficjali tac-Centru. X'hin hu u ufficjal iehor telghu fuq il-bejt sabiex jaraw ezatt x'kien qed jigri bdew jaraw xi residenti jqacctu

hadid minn gos-sodod u jitfghuh fid-direzzjoni tal-ufficjali u li f'dak il-mument is-saqaf tat-tinda kien diga' mqaccat u ghalhekk setghu jarawhom. X'hin nizlu isfel ir-residenti bdew jghajjtu "fire fire", dan jghid illi rawhom jidhlu jigru fit-tinda u x'hin regghu hargu bdew jaraw id-duhhan hiereg mit-tinda u fjamma nar. Huwa jghid illi l-imputati kollha kienu prezenti u kienu parti mill-konfoffa. Huwa gharaf persuna li diga' giet issentenzjata, gharaf ukoll lill-imputat **Mohamed Abdalla Abdalla** li jghid illi ghalkemm meta kien qed jixhed xaghru kien maqtugh dakinhar tal-incident xaghru kien aktar goff. Lill-imputat **Abusali Mohammed Ahmed** jgharfu wkoll illi kien qed iwaddab l-oggetti u kien jiftakar x'kien liebes dakinhar.

Dan jghid ukoll in rispetto tal-identifikazzjoni tar-residenti tac-Centru u cioe':

> *"Ghax ahna hemmhekk biex infiehem kif nahdmu ukoll, hemmhekk kellna sistema ta' fajls. . . . bir-ritratti ta' kull individwu meta allahares, dan jintuza ghall-affarijiet ohra ghall-medical u ghal records taghhom imma meta jigri xi haga e ahna nippruvaw nibdew jew niehdu r-ritratti jew noqghodu kollha ghassa biex nippinpontjaw lin-nies*

*imbaghad naraw il-fajl u dak il-hin tarafhom. Jigifieri ahna certi li dawn l-individwi huma dawk in-nies li hadu sehem".*

Huwa jghid ukoll illi per konsegwenza ta' dan l-incident huma belghu hafna dhahen sakemm man-nar ma giex mitfi. Huwa jikkonferma li din it-tinda kienet tintuza bhala dormitorju u fil-fatt ikkonferma bil-gurament l-ispejjez kollha sofferti per konsegwenza ta' dan l-incident.

<u>Anthony Vidolich</u> li huwa wkoll ufficjal tad-Detention Centre xehed bil-gurament illi dakinhar tal-incident qam irvell fejn kien hemm zewg gruppi ta' nies fil-Blokk B u fejn kien hemm wiehed minnhom li jitkellem bl-Ingliz u bdew jitkellmu mieghu halli jaraw x'gara. Nel frattemp grupp iehor ta' residenti kellhom oggetti bhall-hadid f'idejhom u x'hin raw is-sitwazzjoni qed tiskala adottaw il-protokoll tas-soltu u cioe' li n-nies li riedu jikkoperaw poggewhom in-naha tax-xellug u min ma riedx jikkopera fuq in-naha l-ohra. Jghid illi hafna minnhom, min ried jikkopera dahal gol-kmamar u qaghdu hemmhekk u l-ohrajn baqghu fil-kurituri u marru fil-bitha u wara ftit raw dahna kbira u hemmhekk indunaw li qabdet it-tinda. Jghid ukoll illi f'dan in-nar inqabdu s-sodod, inqabdet it-tinda wkoll li kienu jorqdu tahtha. Huwa gharaf lil xi persuni li kienu diga'

giew issentenzjati u gharaf ukoll l-imputat **Mohammed Abdalla Abdalla** bhala persuna li bdew iqajjmu l-irvell u jwaddab il-hadid. Gharaf ukoll l-imputat **Abusali Mohammed Ahmed** li kien fl-istess folla.

Semghet ix-xhieda tal-imputati fejn huma ddikjaraw illi huma estranji ghall-incidenti li graw dakinhar tal-akkadut.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuzi li bihom qeghdin jigu akkuzati huma s-segwenti:

**Hsara volontarja – Artikolu 325 (1)(a) tal-Kap. 9**

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

> *"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l- artikolu 325(1) tal-Kodici*

*Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Dwar din l-imputazzjoni jqumu argumenti ta' natura legali dwar danni volontarji fuq il-proprjeta' ta' terzi. Ladarba l-hsara qed jigi allegat li saret bhala rizultat t'incendju mqabbad mill-imputati jew kienu komplici biex tqabbad dan il-hruq, allura l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-Artikolu 325 ghas-sejbien ta' htija. Fl-appell kriminali bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs. Mark Mizzi**</u> (deciz fil-11/5/2006) il-Qorti qalet hekk:-

*"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b' artikoli ohra tal-ligi, senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici*

*Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is- sub-titolu.*

*Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal- Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi spluzzjoni doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel sustanza esplussiva (art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi mezz letali u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il- persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred materjal nukleari li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor,*

*ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti n-nar jew b' xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315); dak ta' min jaghti n-nar lil dar, mahzen hanut, dar t' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq (art. 316); dak ta' min volontarjament jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc. (art. 317); dak ta' min jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa (art. 318) dak ta' min jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili, ecc. (art. 319); dak ta' espluzzjoni ta' mina (art. 320); dawk ta' wiri ta' dwal foloz b' perikolu ghan-navigazzjoni u qtugh ta' ktajjen (art. 321, 322 u 323).*

*Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment:-*

*"(1) Kull min, B' MEZZI XORT' OHRA MINN DAWK IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU, volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel meta jinsab hati...." (sottolinear ta' din il-Qorti.)*

*"Illi l-appellat qed jissottometti - kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b' success - li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b' mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.*

*Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li ta nar lill-bini jew dar t' abitazzjoni w b' hekk ikkaguna*

*danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b' xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b' reat "ad hoc" taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f' dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.*

*".... Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-"mezzi xort' ohra" imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b' artikoli ohra "ad hoc"."*

Il-Qorti ssostni li biex tirrizulta imputazzjoni bbazata fuq l-Artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq fuq il-propjeta' fic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal Safi, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 317 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>**Komplicita' fil-hruq tat-tinda – Artikolu 42(d) u Art. 317(a)(i)**</u>

L-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jipprovdi is-segwenti:-

Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –

*(a) tkun tat ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt; jew*

*(b) tkun gieghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorità jew setgha, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*

*(c) tkun tat armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-eghmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jigu uzati; jew*

***<u>(d) ghad li ma tkunx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat;</u>*** *jew*

*(e) tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volontà tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah."*

L-Artikolu 43 jipprovdi li:

*"Barra minn meta l-liġi tghid xort'ohra, il-kompliċi f'delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur."*

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Lisa Pace, Omissis** (deciza 9/01/2012):

*"Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni - cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni - li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma' l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li*

*bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt."*

Illi l-imputati kollha hlief Mohammed Abdalla Abdalla qeghdin jigu akkuzati li kienu komplici fil-hruq tat-tinda tac-Centru ta' Detenzjoni u dan a bazi tal-Artikolu 317 (a)(i) tal-Kap. 9.

Artikolu 317 jipprovdi illi:-

*"Kull min volontarjament jaghti n-nar lil bini, vettura, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, jew, kull min volontarjament jaghti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il- bini, gharix, jew lok iehor, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna, jehel, meta jinsab hati -*

*(a) jekk il-hruq iqabbad band'ohra, il-piena ta' prigunerija ghal ghomru:*

*Izda jekk ebda persuna ma titlef hajjitha, il-hati jehel -*

*(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna gewwa l-bini, gharix, jew lok li ha n-nar mill-hruq, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa disa' snin".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Valentine Sciberras** deciza fil-11 ta' Jannar 2007 li trattat dwar hruq b'mod volontarju:

*"Illi l-appellant pero' jobbjetta ukoll li l-artikolu 316 (b) li fuqu tidher bazata l-ewwel imputazzjoni skond in-Nota ta' l-Avukat Generali (fol.210) u skond ma gie citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghandu bhala element essenzjali tieghu li s-soggett passiv tar-reat irid ikun persuna differenti w mhux l-akkuzat stess. In sostenn ta' dan iccita s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Superjuri) fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Desira" [13.5.1999]*

*Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli prosekutur Dr. Tonna Lowell, issottometta li f' kaz li ma tirrizultax htija taht l-artikolu 316(b) tista' tinstab htija taht l-artikolu 317 jew 318 li huma reati komprizi w involuti fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b).*

*L-abbli difensur Dr. Joseph Giglio pero' rribatta li se mai mhux l-artikolu 317 imma l-artikolu 318 hu applikabbli, imma f'kull kaz dan mhux reat kompriz u nvolut fl-artikolu 316.*

*Illi is-sentenza ta' Joseph Desira citata mill-appellant proprjament tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 316(b) in dizamina. B' dana kollu, fil-fehma ta' din il- Qorti d-difiza ghandha ragun meta tissottometti li l-persuna li tkun gewwa l-lok jew bastiment li jinghata n-nar u cioe' s-suggett passiv tar-reat trid ikun differenti mill-persuna li attwalment tkun appikkat l-incendju w li konsegwentement ma jistax ikun applikabbli l-artikolu 316(b) invokat mill-Avukat Generali, ghaliex fuq il-lancja Lady Tess, meta gie appikkat in-nar, ma rrizulta li kien*

*hemm hadd iehor hlief l-appellant innifsu li hu l-persuna li qabbad in-nar. Lanqas ma hu applikabbli, fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 317, ghax ma saret ebda prova li fil-bastimenti jew ingenji tal-bahar li kienu vicin il-Lady Tess u li spiccaw qabdu ukoll jew gew danneggjati bin-nar jew, addirittura fil-bini tal-faccata, qrib fejn anki spiccaw waslu xi oggetti jaqbdu w li ntfew mill-ewwel Pulizija li wasal fuq il-post, kien hemm xi nies fihom, anki jekk, f'kull probbabilta', x' aktarx li fil-bini faccata tat-triq kien hemm xi nies. Imma l-probabbli mhux bizzejjed biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.*

*Invece tidher li tirrizulta fil-konfront tal-appellant l-imputazzjoni taht l-artikolu 318, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda kompriza w involuta fir-reat imputat lill-appellant mill-Avukat Generali, ghaliex tikkontempla proprju l-istess att materjali kontemplat fl-artikolu 316 ossia "kull min jaghti volontarjament jaghti n-nar li bini, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316" (ergo bastiment ukoll), pero' b'konsegwenzi inqas gravi ghax fil-lok ma jkun hemm hadd iehor u ma jkunx hemm il-perikolu li jaqbad lok iehor fejn ikun hemm xi persuna hemm gew. Fil-kaz ta' dar-reat, il-piena hija wahda inqas*

*minn dik kontemplata fl-artikolu 316 u 317, u ghalhekk hu certament "reat izghar" li hu kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif testwalment dedotta fit-termini tal-art.467 (4).*

*Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta' natura legali sollevat mill-appellant huwa gustifikat izda ma jwassalx ghall-assoluzzjoni kompleta, imma biss biex tinstab htija ta' reat minuri kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318 minnflok dak addebitat lill-appellant taht l-artikolu 316 (b), kif ser jigi deciz f' din is-sentenza."*

Mill-provi li hargu jirrizulta li meta nghata n-nar fit-tinda inkwistjoni ma kien hemm hadd fit-tinda u min qabbadha kien konxju ta' dan il-fatt ghaliex kienet infatti l-post fejn kienu jorqdu. Illi madanakollu ma gietx identifikata l-ebda persuna partikolari li effettivament kienet il-kagun tan-nar u ghalhekk din l-akkuza ma tinstabx ippruvata.

<u>Tixwix ta' gemgha ta' nies</u>

Illi l-Avukat Generali fil-lista ta' reati addebitati ghall-imputati hemm ukoll dawk li jipprovdi ghalihom Artikolu 68(2)(3) tal-Kap 9 li jghid hekk:-

*(2) Kull min jiehu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma tkun giet imxewxa minn hadd in partikulari, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur jew il-multa.*

*(3) Jekk ir-reat li dik il-gemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel fil-fatt isir, ghandhom jigu moghtija, jekk il-piena stabbilita ghar-reat tkun anqas mill-pieni hawn fuq imsemmija, dawn il-pieni biz-zieda ta' grad; izda, jekk il-piena li hemm ghar-reat tkun akbar minn dawn il-pieni, jew daqshom, ghandha tigi moghtija dik il-piena biz-zieda ta' grad."*

Illi kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Theuma et.</u>** (25/09/1975), l-element tax-xjenza fir-reat tal-attruppament – l-intenzjoni li jigi kommess reat – tigi dedotta mill-kwadru kollu tac-cirkostanzi.

Fil-kaz odjern l-imputati kollha kienu parti minn gemgha ta' nies li bl-ghemil taghhom irrizulta li wegga' b'mod hafif kuntistabbli tal-pulizija u fil-fatt giet mahruqa t-tinda. Illi ghalkemm ma ngabitx il-prova oltre d-dubju dettat mil-ligi li l-imputati odjerni effettivament weggghu l-kuntistabbli u harqu t-tinda, pero' hareg mix-xhieda prodotti li dawn l-imputati kienu parti mill-gemgha li kienu qeghdin iwaddbu l-hadid u li kienu qed jikkrejaw kommozzjoni fic-Centru inkwistjoni. Illi ta' min jghid illi l-ufficjali tas-sigurta' tac-Centru ta' Dentenzjoni jkunu fil-post kulljum u ghalhekk huma jkunu draw l-ucuh ta' dawn ir-residenti ghaliex jarawhom kulljum u ghalhekk kull dubju kkrejat mid-difiza a rigward l-identifikazzjoni ta' dawn ir-residenti mill-ufficjali ma jsibx sostenn.

Illi kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alfred Galea et.** (29/02/1964), l-element ta' dan id-delitt huma (1) partecipazzjoni attiva; (2) f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar; u (3) bl-iskop jew hsieb li tigi miksura l-ligi, u cioe' l-ewwel zewg ingredjenti msemmija huma l-element materjali u l-ahhar menzjonat jikkostitwixxi l-element intenzjonali.

Fir-rigward tal-ewwel element, f'**Russell on Crime** (10th ed., p. 245), citat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Spiteri** (18/07/1973) jintqal hekk:

> *"If any person encourages, or promotes, or takes part in riots whether by words, signs or gestures, or by wearing the badge or ensign of the rioters, he becomes a rioter, for in this case all are principals. But mere presence without encouragmenet is not enough to establish criminality".*

Ghalhekk dan ir-reat jinsab ippruvat.

**Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi taht dan l-Artikolu l-imputati qeghdin jigu akkuzati li ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-ufficjali. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil-25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> *"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li*

*wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".*

L-ghan ta' din il-kontravenzjoni hija li l-ufficcjal pubbliku jkun qed jaghmel xi xoghol inkonnessjoni mal-kariga tieghu u jigi impedut minn terza persuna ghal xi raguni jew ohra u dak il-hin l-ufficcjal jaghti xi ordni lil dak li jkun bil-ghan li ma jfixklux fil-qadi ta' dmirijietu. Illi hareg car illi wara li l-ufficjali tac-Centru kellmu lil xi whud mir-residenti wara li bdew jghajjtu dawn l-anqas taw kashom u kulhadd jaf x'gara. Ghaldaqstant dan ir-reat gie ppruvat ukoll.

**Ksur tal-bon-ordni u paci pubblika – Art. 338 (dd)**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkazzjoni temfasizza f'diversi sentenzi taghha b'mod partikolari fis-sentenza bl-ismijiet **Pulizija vs Monica Polidano** (AK per Imhallef Vincent Degaetano deciza 25/06/2001 fejn intqal li:-

*"bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu evidenti, per ezempju, li persuna li tigi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruhha (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun diga saritilha)*

*necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il-persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli, u ghalhekk ma jistax jammonta ghal breach of the peace. L-istess ikun il-kaz jekk persuna tingurja animus retorquendi fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wiehed jghid li dik l-ingurja ma tammontax ghal reat pero` l-fatt fih innifsu jammonta ghal reat iehor (taht l-Art. 338(dd))."*

Di fatti dan is-subinciz (dd) jiddisponi li:-

*"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min:- (dd) b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f'dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku."*

Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull "disturbance to the peace and good order" sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa u jista' jkollok

wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Ugwalment u kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil** (dec 23/06/1994):-

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

F'dan il-kaz jirrizultaw l-ingredjenti mehtiega biex tinstab htija ghal din il-kontravenzjoni u dan ghaliex meta l-imputati odjerni kienu parti mir-rewwixta dawn bdew jghajjtu u jaghmlu hafna

storbju li dan l-istorbju kien certament wiehed deliberat sabiex tigi kkrejata kommossjoni.

**<u>Theddid ghall-ufficjali pubblici - Artikolu 95</u>**

Illi dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda b'zewg gradi u ghal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5,000)."*

Illi l-gurisprudenza taghna hija kostanti fid-determinazzjoni ta' dan ir-reat. Illi fis-sentenza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Amante Camilleri</u>** (deciza QAK 17/10/1997) intqal:

*"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali . . . fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii.*

*Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pproferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre' hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe' dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe' bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero', il-kliem ma jkunx per se u*

*mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat."*

Illi f'dawn il-proceduri, u kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova min mill-imputati seta' kien hati li wegga' lill-ufficjal tal-pulizija jekk l-akkuza tittratta fuq dan il-fatt ghaliex mill-ebda xhud ma hareg xi theddid fuq l-istess ufficjali. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li din l-akkuza tinstab ippruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Issib lill-imputat **Mohammed Ahmed Mohammed (19CC-059)** hati biss tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi li dawn huma assorbiti fit-tieni (2) akkuza u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur filwaqt li tilliberah mill-provi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi;

Issib lill-imputat **Abusali Mohammed Ahmed (19CC-012)** hati biss tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi li dawn huma assorbiti fit-tieni (2) akkuza u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur filwaqt li tilliberah mill-provi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi;

Issib lill-imputat **Mohammed Abdalla Abdalla (19BB-040)** hati biss tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi li dawn huma assorbiti fit-tieni (2) akkuza u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur filwaqt li tilliberah mill-provi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi;

Issib lill-imputat **Obada Mohammed Ibrahim (19BB-062)** hati biss tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi li dawn huma assorbiti

fit-tieni (2) akkuza u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur filwaqt li tilliberah mill-provi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**